**28 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

Grezzju Cassar et.

**Adulteru — Konkubina — Kwerela — Piena — Appell — Inseparabbilità Ġuridika — Reat Uniku — Art. 206(1) u 207 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta f'kawża ta' adulterju hemm kwerela mhux biss ta' mart ir-raġel akkużat, imma anki ta' żewġ il-mara ko-imputata, il-każ ta' din mhux dak ta' kompliċi u konkubina fl-adulterju tar-raġel ko-imputat, imma ta' mara miżżewġa ħatja bħala awtriċi prinċipali fl-adulterju; u allura l-piena applikabbli kontra tagħha hija dik komminata għall-mara miżżewġa li tinsab ħatja ta' adulterju fl-art. 206(1) tal-Kodiċi Kriminali, u mhux dik komminata għall-mara li tkun il-konkubina fl-art.207 tal-istess Kodiċi.*

*Jekk ir-raġel ikun ġie akkużat li kkommetta adulterju u anki li żamm konkubina f'daru, u l-Qorti ssibu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet u tikkundannah għal piena separata għal kull waħda minn dawk iż-żewġ reati, huwa jkun ġie kundannat in bażi "għal fatt uniku" tant bħala kompliċi fl-adulterju kemm bħala awtur prinċipali talli żamm il-konkubina f'daru, mentri, minħabba n-"nexus" ġuridiku jew naturali, konsistenti fil-fatt li, meta hu żamm konkubina li kienet mara miżżewġa b'żewġha ħaj, anki hu kwerelant, billfors irrenda ruħu wkoll kompliċi fl-adulterju tagħha, u kien hemm għalhekk il-konsolidazzjoni f'reat wieħed.*

*Imma jekk ir-raġel kundannat jappella limitatament għall-ewwel imputazzjoni, ċjoè dik ta' kompliċi fl-adulterju tal-konkubina, u ma jestendix l-appell għall-imputazzjoni l-oħra, ta' awtur fl-adulterju tiegħu stess, u għalhekk l-appell ma sarx b'talba li dawn iż-żewġ reati jiġu dikjarati konsolidati f'wieħed, il-Qorti tal-Appell ma tistax, kif inhu limitat l-appell, tikkonsolidahom; għax kwantu għal reat wieħed mit-tnejn konsolidandi, ċjoè dak li żamm il-kon-*

*kubina f'daru (taht l-art. 207), dan ġa ġie ġudikat separatament, u kwindi għandu jibqa' separat. Barra minn dan, il-limitazzjoni tal-appell għall-ewwel imputazzjoni biss tqiegħed il-Qorti fl-impossibbiltà li, fl-istess hin li tikkonsolida r-reati, tapplika piena ġusta u adegwata; għaliex, kif inhu ristrett l-appell, ikollha titneħħa l-piena nflitta għall-ewwel imputazzoni u tibqa' dik minuri nflitta għat-tieni reat, mentri ovvjament l-Ewwel Qorti applikat piena iżgħar għat-tieni reat sempliċement għax ġa kienet applikat għall-istess fatti piena akbar dwar l-ewwel reat; u kieku ma kienx hemm din il-piena l-aħħar imsemmija, l-Ewwel Qorti ma kienetx sejra tagħti għat-tieni imputazzjoni, li hi aktar serja, il-piena żgħira li tat; kif hu ugwalment ovvju illi, kieku l-Qorti tal-Ewwel Grad kellha quddiemha t-teorija tal-konsolidazzjoni tar-reati meta hemm "nexus" ġuridiku bejn wieħed u l-ieħor, ma kienetx sejra tagħti għat-tnejn il-piena li tat għall-wieħed u l-piena li tat għall-ieħor.*

*F'każ simili, ir-rimedju jista' jkun xort'oħra; u ċjoè, billi l-Qorti tal-Appell ma tistax tneħħi l-piena iżgħar inflitta għat-tieni imputazzjoni, peress li minn din ma hemmx appell, tista' tneħħi dik il-piena, anki ekwitattivament, in linea kompensatorja, u tnaqqasha mill-piena nflitta għall-ewwel imputazzjoni f'perijodu korrispondenti; biex b'dan il-mod għaż-żewġ reati, li fl-appell ma jistgħux jiġu unifikati minħabba d-difett fl-appell, ikun hemm piena mnaqqsa għall-ewwel imputazzjoni u l-piena nflitta mill-mill-Ewwel Qorti għal-imputazzjoni.*

Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tat-13 ta' Jannar 1959, ta'l-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tiddeċidi fuq l-imputazzjoni (1) talli l-imsemmijin Cassar u Caruana, f'Ħaż-Żabbar jew bnadijiet oħra, f'dawn l-aħħar tliet xhur, u l-aktar f'dawn l-aħħar ġranet, ikkommettew adulterju u barra minn dan, Grezzju Cassar (2) notorjament żamm b'konkubina lil Violet Caruana, (3) żamm arma tan-nar (revolver) u munizzjon mingħajr il-permess tal-Pulizija, (4) u hedded serjament membri tal-familja tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Jannar 1959, li biha sabet ħill-imputat Grezzju Cassar ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u kkundannatu għal sena priġunerija għall-ewwel imputazzjoni, xahrejn priġunerija għat-tieni imputazzjoni, u xahar priġunerija għat-tielet imputazzjoni, u ordnat il-konfiska tar-revolver u tal-munizzjon, u lliberatu mill-imputazzjoni taħt ir-raba' kap, billi ma ġietx pruvata u l-istess imputazzjoni ġiet ritirata mill-Uffiċjal Prosekutur; u għar-rigward tal-imputata Violet Caruana, sabitha ħatja fit-termini tal-imputazzjoni, u kkundannatha sena priġunerija; u ordnat li, għaż-żewġ imputati, iż-żmien skontat minnhom il-ħabs kemm ilhom arrestati jitnaqqas miż-żmien tal-pieni fuq imsemmija;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw u talbu, kwantu għall-imputat Cassar, li s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li hu jiġi dikjarat mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u liberat minnha, u riformata wkoll, kwantu għall-imputata Caruana, fis-sens li din ma kellhiex tiġi misjuba ħatja taħt l-art. 206(1) tal-Kap. 12, imma taħt l-art. 207, u għalhekk il-piena kellha tkun iżgħar;

Trattat l-appell taż-żewġ imputati;

Ikkunsidrat dwar l-appell ta' Caruana;

Illi fil-każ preżenti kien hemm mhux biss il-kwerela ta' mart l-imputat, imma anki dik ta' żewġ l-imputata; għalhekk il-każ ta' Caruana kien mhux biss dak ta' kompliċi u konkubina fl-adulterju ta' raġel miżżewweġ, taħt l-art. 207, imma anki dak ta' mara miżżewġa ħatja bħala tali u bħala awtriċi prinċipali fl-adulterju, taħt l-art. 206(1) Kap. 12. Għalhekk, il-piena kienet sewwa, u l-artikolu ċitat mill-Ewwel Qorti għar-rigward ta' din l-imputata kien ukoll sewwa;

Ikkunsidrat, dwar l-appell ta' Cassar;

Dan ġie kundannat in bażi "għal fatt uniku", tant bħala kompliċi fl-adulterju ta' Caruana, taħt l-art. 206, kemm bħala awtur prinċipali taħt l-art. 207, mentri, min-

ħabba n-"nexus" ġuridiku jew naturali, konsistenti fil-fatt li fil-każ in ispeċje, meta dan l-imputat żamm bħala konkubina lil Caruana, u din kienet mara miżżewġa b'żewġha ħaj u anki hu kwerelant, bilfors irrenda ruħu wkoll kompliċi fl-adulterju tagħha, u kien hemm għalhekk il-konsolidazzjoni f'reat wieħed ("Rex. vs. Degiorgio", Qorti Kriminali, 29.1.1937);

Però, l-appell tal-imputat qiegħed jiġi ristrett għall-ewwel imputazzjoni, ċjoè għal dik ta' kompliċi fl-adulterju ta' Caruana, u ma hux estiż għall-imputazzjoni l-oħra ta' awtur fl-adulterju tiegħu stess, u għalhekk l-appell ma sarx b'talba li dawn iż-żewġ reati jiġu dikjarati konsolidati f'wieħed; u per konsegwenza din il-Qorti, kif inhu limitat l-appell, ma tistax tikkonsolidahom; għax kwantu għal reat wieħed mit-tnejn konsolidandi, dan ġie ġa ġudikat bħala separat (ċjoè dak taħt l-art. 207), u ma hemmx appell minnu. u kwindi għandu jibqa' separat. Apparti dan l-ostakolu, hemm ukoll din il-konsiderazzjoni, li, ċjoè, il-limitazzjoni tal-appell għall-ewwel imputazzjoni biss tqiegħed lil'l-Qorti fl-impossibbiltà li, fl-istess ħin li tikkonsolida ż-żewġ reati, tapplika piena ġusta u adegwata; għaliex kif inhu ristrett l-appell, ikollha titneħħa l-piena ta' tnax il-xahar u tibqa' dik ta' xahrejn, mentri hu ndubbjament ovvju li l-Ewwel Qorti applikat il-piena ta' xahrejn biss, non ostante li fir-reat taħt l-art. 207 awtur prinċipali kien dan l-appellant, sempliċement għaliex kienet ġa applikat lilu l-piena ta' sena għall-istess fatt taħt l-ewwel imputazzjoni; u hu żgur li dik il-Qorti, kieku ma kienx hemm ġa din il-piena tal-aħħar, ma kienetx sejra tagħti għat-tieni imputazzjoni, aktar serja, għal dan l-imputat, il-piena ta' xahrejn biss; kif hu ugwalment ċar li, kieku dik il-Qorti kellha quddiemha t-teorija tal-konsolidazzjoni tar-reat meta hemm in-"nexus" ġuridiku bejn wieħed u l-ieħor, ma kienetx sejra tagħti, għat-tnejn il-piena ta' xahrejn biss lil dan l-imputat, u dik ta' sena lill-imputata;

Ir-rimedju, għalhekk, jista', u għandu, ikun xort'oħra. Hu ċar li l-aggravju, li verament sofra l-imputat minħabba li l-Ewwel Qorti ma qiesetx it-teorija tal-uniċità tar-reat, jikkonsisti f'xahrejn ħabs, li ngħataw għat-tieni imputaz-

zjoni. Din il-Qorti ma tistax, peress li minn dik l-imputazzjoni ma hemmx appell, issa tneħħi dawk ix-xahrejn, imma tista', ekwitattivament, in linea kompensatorja, tnaqqas mill-piena tal-ewwel imputazzjoni perijodu korrispondenti biex b'dan il-mod għaż-żewġ reati, li issa ma jistgħux jiġu unifikati, minħabba d-difett fl-appell, ikun hemm piena ta' għaxar xhur "u" xahrejn, ċjoè sena b'kollox;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-imputata Caruana kif limitat għall-piena, u tikkonferma "quoad tantum" l-ewwel sentenza; u kwantu għall-appell tal-imputat Cassar, tipprovdi fuqu fis-sens biss li tirriduċi l-piena tal-ewwel imputazzjoni minn sena għal għaxar xhur, fermi l-pieni l-oħra;

*U b'hekk ipprovdiet fuq iż-żewġ appelli.*